# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 7 ta' Frar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 639/2023 JPG**
**Kawza nru.: 17**

**MC**
**Vs**
**CC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MC datat 1 ta' Dicembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), u ma ghandhomx tfal (certifikat taz-zwieg bin-numru ta' registrazzjoni 382/2015 anness bhala Dok A.*

*Illi l-partijiet resqu ghall-kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech datat it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) (Dok B).*

*Illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn sena mifrudin fattwalment.*

*Illi l-esponent jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi l-partijiet m'ghandhomx ulied u bl-istess kuntratt fuq imsemmi kienu wkoll irrinunzjaw b'mod irrevokibbli ghall-jedd li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet, biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 15 ta' Jannar 2024, li permezz taghha huwa ddikjara illi:

1. *Illi huwa jaqbel mal-premessi tal-attrici, filwaqt li pprezentat nota u affidavit.*
2. *Illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg taghhom mal-attrici MC jigi mahlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi huwa m'ghandux ikun responsabbli ghall-ispejjez involuti;*
3. *Illi jiddikjara li ma hemmx provi jew xhieda ohra u l-intimat ma jsib ebda oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghal gudizzju taghha.*
4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat in-nota tal-intimat datata 8 ta' Jannar 2024 (vide fol 18) b'affidavit;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 13)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar il-21 ta' Marzu 2015 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 18 ta' Novembru 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech. Di piu', ikkonfermaw illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide affidavit fol 19 )** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Marzu 2015, liema zwieg jgib certifikat numru 382/2015 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech nhar it-18 ta' Novembru 2022 (Vide fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 382/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**